**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**-vs-**

**Kaled Mukthar Ben Gamhur, detentur tal-karta tal-identita numru 0427000L;**

***Kumpilazzjoni Nru. 460/2023***

Illum, 31 ta' Lulju, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Kaled Mukthar Ben Gamhur** u ċioè:

1. Talli nhar l-10 ta' Lulju 2022 ikkommetta serq ta' *diffuser* ta' kulur abjad ghad-detriment ta' Joseph Attard, liema valur ma jaccediex il- mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disghin centezmu (€232.94) u li l-valur huwa ta' sittin euro (€60), u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u x-xorta tal-haga misruqa**.**

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe vettura tal-ghamla Golf Mark 3 bin-numru tar-registrazzjoni JBU221, liema ammont tal-hsara hija izjed minn elfejn u hames mitt ewro €2,500 li saret ghad-dannu ta' Joseph Attard;

3. Talli fil-11 ta' Lulju 2022 bejn it-tlieta u tlieta u ghoxrin ta' wara nofsinhar gewwa l-main car park tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kkommettejt serq minn

ġewwa vettura tal-ghamla Golf Mark 3 bin-numru tar-registarazzjoni JBU221, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Joseph Attard u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra liema valur jaccedi il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disghin centezmu (€232.94) pero ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u li l-valur huwa ta' sitt mija u tletin euro (€630.00).

4. Kif ukoll talli nhar it-12 ta' Settembru 2022 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs inhar gewwa l-parking tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta ikkommetta serq ta' *electric scooter* ta' kulur ahdar ghad-detriment ta'-Abulikemu Abuduwalisi, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin centezmu (€232.94) pero ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u li l-valur huwa ta' ħames mitt euro (€549), u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa.

5. Kif ukoll talli fl-10 ta' Lulju, fil-11 ta' Lulju u fit-12 ta' Settembru 2022 f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u ċioe diversi oggetti li jammontaw ghall-€1,239 ġew meħudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tqis lil imputati bhala li sar recedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienu misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi sari definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittmi Joseph Attard u Abulikemu Abuduwalisi.

Il-Qorti ġiet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq jghogobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412 D ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar l-20 ta' Ġunju, 2023, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet pospposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ferm bikrija tal-imputat, tal-fatt li wera kooperazzjoni mal-awtoritajiet investigattivi, tal-karattru refrattarju tiegħu, tal-fatt li l-imputat hu maħkum mill-vizzju tad-droga, liema vizzju jixprunah iwettaq reati simili sabiex jiffinanzja l-istess vizzju w taċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ.

In vista tal-imputazzjonijiet miġjuba w li qed tinstab ħtija dwarhom il-qorti qed tapplika l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v. Omissis ... Alberta Amato** ikkunsidrat:[1]

> Jingħad l-ewwelnett fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ma għamlitx referenza għall-artikolu 18 tal-Kap. 9. L-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 normalment jitqies bħala <u>benefiċċju għal persuna akkużata</u>.

[1] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Seduta 27 ta' Lulju, 2007 Appell Kriminali Numru. 22/2007

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni ukoll tal-fatt li t-tieni imputazzjoni serviet ta' mezz ai fini għat-tielet imputazzjoni, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 325(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat hu reċidiv ukoll ai termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 31, 49, 50, 261 (b)(ċ)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 271(g), 278(2)(3), 279(a), 280(2), 289, 325(a) u 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u tikkundannah għal **tlett (3) snin priġunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa biex jegħleb l-*addiction* tiegħu inkluż kull għajnuna psikoloġika oħra li jinħtieġ.

Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Qed jiġi rakkomandat li l-imputat jibda minnufih programm residenzjali sabiex tassew jindirizza fi spazju kontrollat il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin.

Tordna wkoll li kopja tal-istess sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**